

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 332/2010**tat-22 ta' April 2010****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-annotazzjoni għall-Iżrael fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/99/KE tistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni fl-Unjoni u l-introduzzjoni minn pajjiżi terzi ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti dderivati minnhom, maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Dik id-Direttiva tistipula li għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni għal kull pajjiż ta' grupp ta' pajjiżi terzi, filwaqt li jitqies il-qagħda ta' saħħa tal-annimali tagħhom.
- (2) Id-Direttiva 2009/158/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ fl-Unjoni ta' tjur u bajd għat-tfaqqis u l-importazzjonijiet tagħhom minn pajjiżi terzi. Dik id-Direttiva tistipula li t-tjur għandu jiġi minn pajjiżi terzi ħieles mill-influenza tat-tjur jew li, għalkemm ma jkunux ħieles minn dik il-marda, japplikaw miżuri biex jikkontrollawha li jkun għall-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi,

territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja ⁽³⁾, jistipula li l-prodotti koperti b'dak ir-Regolament għandhom ikunu importati biss ġo u jgħaddu mill-Unjoni minn pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti elenkati fit-tabella tal-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

- (4) Skont dak ir-Regolament, fejn isseħħ tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) f'pajjiż ta' territorju, żona jew kompartiment li qabel kien ħieles minn dik il-marda, dak il-pajjiż ta' territorju, żona jew kompartiment għandu jerġa' jitqies bħala ħieles mill-HPAI, sakemm jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet; dawn il-kundizzjonijiet jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' politika ta' qerda biex tiġi kkontrollata l-marda, inkluż tindif u diżinfettar adegwat imwettaq fuq l-istabbilimenti kollha li qabel kienu infettati. Barra minn hekk, is-sorveljanza tal-influenza tat-tjur trid tkun ġiet imwettqa skont il-Parti II tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament matul perjodu ta' tliet xhur wara t-tlestija tal-politika ta' qerda u tat-tindif u d-diżinfettar.

- (5) L-Iżrael bħalissa jinsab imniżżel fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż ta' ħieles mill-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja. Għaldaqstant, l-importazzjonijiet ta' prodotti tat-tjur li għalihom japplika dak ir-Regolament huma awtorizzati mit-territorju kollu ta' dak il-pajjiż ta' ħieles.

- (6) L-Iżrael innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ħafna tas-sottotip H5N1 fit-territorju tiegħu.

- (7) Minħabba li ġiet ikkonfermata t-tifqigħa tal-HPAI, it-territorju tal-Iżrael ma jistax jibqa' jitqies bħala pajjiż ta' ħieles minn dik il-marda u l-awtoritajiet veterinarji tal-Iżrael, għaldaqstant, issospendew il-ħruġ ta' ċertifikati veterinarji għall-kunsinni ta' ċerti prodotti tat-tjur. L-Iżrael implimenta wkoll politika ta' qerda biex jikkontrolla l-marda u jillimita t-tixrid tagħha.

- (8) It-tagħrif dwar il-miżuri ta' kontroll ġie ppreżentat lill-Kummissjoni. Dak it-tagħrif u s-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Iżrael ġew ivvalutati mill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

- (9) L-azzjoni deċiżiva u fil-pront meħuda mill-Iżrael biex jikkontrolla l-marda u r-riżultat pożittiv tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika jippermettu li r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni jiġu limitati għal ċerti prodotti tat-tjur għaż-żoni milquta mill-marda, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Iżrael poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja.
- (10) Barra minn hekk, l-Iżrael qed iwettaq attivitajiet ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur li jidhru li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.
- (11) Meta jitqies l-iżvilupp favorevoli tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u l-attivitajiet ta' sorveljanza relatati għall-influwenza tat-tjur biex tinstab soluzzjoni għat-tifqigħa, huwa xieraq li l-perjodu ta' żmien li matulu l-awtorizzazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tkun sospiża, jiġi limitat sal-1 ta' Mejju 2010.
- (12) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (13) Sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti fl-organizzazzjoni taż-żoni u b'hekk il-kummerċ ikun jista' jerġa' jibda kemm jista' jkun malajr, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni.
- (14) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Punt 1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 qed jitbiddel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mis-26 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 qed titbiddel b'dan li ġej:

"PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Status tat-tliqim tal-influenza tat-tjur	Status tal-kontroll tas-salmone
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data tal-għeluq ⁽¹⁾	Data tal-ftuħ ⁽²⁾			
1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
AL – L-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							S4
AR – L-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			POU, RAT, EP, E					A		S4
			WGM	VIII						
AU – L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPP, DOC, HEP, SRP							S0, ST0
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			POU	VI						
			RAT	VII						

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
BR – Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
	BR-1	L-Istati ta': Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul	RAT, BPR, DOR, HER, SRA		N			A		
	BR-2	L-Istati ta': Mato Grosso, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	BPP, DOC, HEP, SRP		N					S5, ST0
	BR-3	Distrito Federal u l-Istati ta': Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	WGM	VIII						
			EP, E, POU		N					S4
BW – Il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT	VII						
BY – Il-Bjelorussja	BY-0	Il-pajjiż kollu	EP u E (it-tnejn 'biss għat-tranzitu minn ġol-UE')	IX						
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR, BPP, DOR, HER, SRA, SRP		N			A		S1, ST1
			DOC, HEP		L, N					
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
CH – L-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	(³)					A		(³)
CL – Iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S0, ST0
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					
CN – Iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	EP							
	CN-1	Il-Provinċja ta' Shandong	POU, E	VI	P2	6.2.2004	—			S4
GL – Il-Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, WGM							
HK – Hong Kong	HK-0	It-territorju kollu tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong	EP							
HR – Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOR, DOC, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S2, ST0
			EP, E, POU, RAT, WGM		N					
IL – L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
	IL-1	Parti mill-Iżrael minbarra IL-2	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N			A		S5, ST1
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					S4

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
	IL-2	Parti mill-Iżrael ġewwa l-fruntieri li ġejjin: — lejn il-punent: it-triq numru 4. — lejn in-nofsinhar: it-triq numru 5812 konnessa mat-triq numru 5815 — lejn il-lvant: il-ħajt ta' sigurtà sat-triq numru 6513. — lejn it-tramuntana: it-triq numru 6513 sal-konnessjoni mat-triq numru 65. Minn dan il-punt f'linja dritta sad-dħul ta' Givat Nili u minn hemm sal-konnessjoni tat-toroq 652 u 4.	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N, P2	26.1.2010	1.5.2010	A		S5, ST1
			WGM	VIII	P2	26.1.2010	1.5.2010			
			POU, RAT		N, P2	26.1.2010	1.5.2010			S4
IN – L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	EP							
IS – L-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
KR – Ir-Repubblika tal-Korea	KR-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							S4
ME – Il-Montenegro	ME-O	Il-pajjiż kollu	EP							
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E, WGM							S4
MY – Il-Malażja	MY-0	—	—							
	MY-1	Il-Peninżulari tal-Punent	EP							
			E		P2	6.2.2004				S4
MK – Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja ⁽⁴⁾	MK-0 ⁽⁴⁾	Il-pajjiż kollu	EP							

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
MX – Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP							
NA – In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT, EP, E	VII						S4
NC – Il-Kaledonja Ġdida	NC-0	Il-pajjiż kollu	EP							
NZ – In-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP							S0, ST0
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT							S4
PM – Saint Pierre u Miquelon	PM-0	It-territorju kollu	SPF							
RS – Is-Serbja ⁽⁵⁾	RS-0 ⁽⁵⁾	Il-pajjiż kollu	EP							
RU – Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	EP							
SG – Singapor	SG-0	Il-pajjiż kollu	EP							
TH – It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	SPF, EP							
			WGM	VIII	P2	23.1.2004				
			E, POU, RAT		P2	23.1.2004				S4

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
TN – It-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			DOR, BPR, BPP, HER							S1, ST0
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT							S4
TR – It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
US – L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S3, ST1
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT		N					S4
UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E, RAT							S4
ZA – L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR	I				A		
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT	VII						

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
ZW – Iż-Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	RAT	VII						
			EP, E							S4

(¹) Prodotti, inklużi dawk ittrasportati fl-ibħra internazzjonali, manifatturati qabel din id-data jistgħu jiġu importati fl-Unjoni matul perjodu ta' 90 jum minn din id-data.

(²) Dak li hu prodott wara din id-data biss jista' jiġi importat fl-Unjoni.

(³) Skont il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

(⁴) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

(⁵) Mhux inkluż il-Kosovo, kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999."